**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru : 13/2018 JPG**
**Kawza Numru : 1**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Francis Briffa (Karta tal-identita Numru 89064(M)) u Vincenza Briffa (karta tal-identita 130562M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta plc, datat 8 ta' Jannar, 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu l-avukat Dottor Ralph Agius Fernandez (K.I. Nru 565688M), debitament awtorizzat, jikkonferma s-segwenti fatti li huwa jaf minn dokumenti u rekords mizmuma fil-pussess tal-Bank;*

1. *Illi l-intimati huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont kumplessiv ta' hamsin elf tliet mija sebgha u tmenin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€50,387.79) liema ammont huwa dovut mill-intimati in kwantu ghas-somma*

*ta' tmienja u ghoxrin elf hames mija sitta u ghoxrin Ewro disgha u sebghin centezmu (€28,526.79) rapprezentanti kapital u tnejn u ghoxrin elf tmien mija sitta u tmenin Ewro u tlieta u hamsi centezmu (€22,886.53) rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sad-19 ta' Dicembru 2017 u dan in konnessjoni ma' facilita` ta' mutwu bil-kont numru 14067693 naxxenti minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela tal-31 ta' Jannar 2001, b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Dicembru 2017, sad-data tal-effettiv pagament, u dan kif rizultanti mill-annessi statements;*

2. *Illi l-intimati huma wkoll debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tmenin elf erba' mija sitta u tletin Ewro u tmien centezmi (€80,436.08), liema ammont huwa dovut mill-intimati in kwantu ghas-somma ta' wiehed u erbghin elf erba' mija u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€41,440.34) rapprezentanti kapital u tmienja u tletin elf disa' mija hamsa u disghin Ewro erbgha u sebghin centezmu (€38,995.74) rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sad-19 ta' Dicembru 2017 u dan in konnessjoni ma' facilita' ta' Maxicredit bil-kont numru 18013714 naxxenti minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Abela tal-21 ta' Mejju 2003, b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament, u dan kif rizultanti mill-annessi statements;*

3. *Illi ghalkemm interpellati permezz ta' ittri gudizzjali sabiex ihallsu l-ammont dovut l-intimati baqghu ma hallsux, biex b'hekk tilfu l-beneficcju taz-zmien moghti lilhom.*

*Ghaldaqstant s-societa attrici titlob li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tikkundanna, prevja kull dikjazzjaroni necessarja, lill-intimati jhallsu lis-societa attrici l-ammont ta' hamsin elf tliet mija sebgha u tmenin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€50,387.79) bl-imghax ta' 8% mill-20 ta' Dicembru 2017 fuq is-somma indikata sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat fuq il-kont bin-numru 14067693;*

2. *Tikkundanna, prevja kull dikjazzjaroni necessarja, lill-intimati jhallsu lis-societa attrici l-ammont ta' tmenin elf erba' mija sitta u tletin Ewro u tmien centezmi (€80,436.08) bl-imghax ta' 8% mill-20 ta' Dicembru 2017 fuq is-*

*somma indikata sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat fuq il-kont bin-numru 18013714.*

*Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 24 ta' Gunju 2016 u 18 ta' Novembru 2009 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment kontra l-intimati li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Dr. Claudia Muscat,** impjegata mal-bank rikorrenti, xehdet a fol 30 *et seqq* illi l-*call-in letter* kienet intbaghtet lill-intimati fit-18 ta' Novembru 2009, u ghalhekk kien minn dakinhar li beda jiddekorri l-imghax bir-rata ta' 8%. Xehdet illi fl-10 ta' Jannar 2018 u fis-6 ta' Frar sar depositu ta' €300 kull darba, ghal total ta' €600.

**Dr. Ralph Agius Fernandez,** impjegat mal-bank rikorrenti, xehed a fol 56 *et seqq* illi l-ahhar pagament ghal-facilita ta' *home loan* fil-kont numru 14067693 kien sar qabel l-2008. Fir-rigward tal-kont *maxicredit* spjega li kienu sar xi hames pagament ta' €300 minn Jannar 2018, fl-ammont totali ta' €1,500.

**Francis Briffa** xehed a fol 59 *et seqq* ammetta d-debitu pretiz mill-bank rikorrenti, u spjega li inizjalment kienu qed jaghmlu pagament, izda mbaghad ma setghux ikomplu jhallsu.

**Vincenza Briffa** xehdet a fol 61 u kkonferma ix-xhieda moghtija minn zewgha Francis Briffa.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-intimati prezentaw nota ta' ammissjoni fis-27 ta' Marzu 2018 (fol 42).

Rat ukoll illi l-bank rikorrenti prezenta nota fis-16 ta' April 2018, permezz ta' liema spjega illi l-ammont dovut fuq il-kont Maxicredit bin-numru 18013714 kien fl-ammont totali ta' €80,285.90 u l-ammont dovut fuq il-home loan bil-kont numru 14067693 kien fl-ammont ta' €52,136.

**In vista tan-nota ta' ammissjoni tal-intimati, u in vista tan-nota tal-bank rikorrenti tas-16 ta' April 2018, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrenti is-somma ta' hamsin elf tliet mija sebgha u tmenin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€50,387.79), bl-imghax ta' 8% dekoribbli mill-20 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, fuq il-kont bin-numru 14067693;**
2. **Tilqa' limitatament it-tieni talba, u tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrenti is-somma ta' tmenin elf, mitejn u hamsa u tmenin ewro u disghin centezmu (€80,285.90), bl-imghax ta' 8% dekoribbli mill-20 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, fuq il-kont numru 18013714.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimati.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**